MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 196/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**James Pace**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija hamsa u tmenin Lira Maltin u sitt centezmi (LM585.06) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 295134 in rigward ghal servizzi lilu resi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn April, 2006 u Ottubru, 2006.

B-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-25 ta' Jannar, 2007 dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lil

banek relattiva ghall-imsemmi mandati u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut lli huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Peter Sammut fl-24 ta' Settembru, 2007 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------